MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Numru. 123/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Daniel Seguna bin Raymond u Maria nee' Cassar, imwieled fil-5 ta' Novembru, 1986 u residenti 32, Kensington,
Triq il-Pagell, San Pawl il-Bahar, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 506586(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Daniel Seguna li gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar, 2009, ghal habta ta' 00:15hrs fi sqaq bejn il-Pjazzetta u Triq Dicembru Tlettax, Nadur, Ghawdex waqt il-karnival spontanju:

1) B'gesti, jew le, jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta' Malta, inkella offenda r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-Ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsograta jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon;
2) Ukoll talli minghajr permess jew kontra l-projbizzjoni ta' l-awtorita' kompetenti, libes abiti sagri (soru);
3) Irrifjuta li jaghti jew ta falz lill-ufficjal pubbliku l;il PC870 waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, konjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra tieghu;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta t-tielet (3) akkuza fil-konfront tieghu u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess;

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u senjatament mix-xhieda tal-ufficjal tal-Pulizija u d-dokument 'A' esebit fl-atti tal-kawza ma rrizultax illi l-imputat kien liebes abiti sagri u dan peress illi l-kostum kien jikkonsisti f'libsa sewa, fardal abjad u maktur iswed u abjad illi ma jammontawx ghal xi abiti sagri. Ghaldaqstant l-imputat bl-ebda mod ma jista' jinghad illi kien joffendi r-Religjon Kattolika billi kien qed ikasbar dan ir-religjon jew lill-Ministri taghha. Fil-fatt ma jirrizultax illi l-imputat kien liebes xi salib, kurcifiss jew xi oggett iehor li b'xi mod huwa konness mar-Religjon Kattolika;

Kwindi wara li rat l-Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u tieni (2) akkuzi, issibu

hati tat-tielet (3) akkuza u tikkundannah ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------